TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 226/14-F

**Giulio & Anna Borg**
**vs**
**World Marketing Services Ltd.**

Illum 10 ta' Marzu, 2015

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-11 ta' Novembru, 2014 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' seba' mija u sebgħin ewro (€770), rappreżentanti l-prezz ta' saqqu li kien iebes.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi huma marru l-fiera u raw żewġ saqqijiet wieħed artab u l-ieħor iebes u għażlu l-artab. Illi meta ġie kkonsenjat id-dar, s-saqqu artab ħassewh iebes. Minkejja li ħadu l-parir tas-soċjeta' ntimata, bħal pereżempju biddlu l-qiegħ tas-sodda u għamlu t-twavel, xorta baqa' iebes.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi huma kkonsenjaw is-saqqu li kienu għażlu fil-fiera li kien dak artab u għalhekk m'huma dovuti jbiddlu xejn.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi r-rikorrenti għażlu saqqu artab u li għalhekk ġie kkonsenjat dak is-saqqu li għażlu.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888